MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 86/2014

**Borg & Aquilina Limited (C-496)**

**vs**

**Riviera Resort Limited (C-23519) u Charles sive Carmelo Polidano (ID 506259M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Marzu 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti

ihallasuha s-somma ta' tlett elef, disgha mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,948.22) rapprezentanti bialnc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonesnjata ghalluzu ta' l-istabbilment 'Riviera Resort and Spa' opeat mis-socjeta konvenuta Riviera Resort Limited ghall liema deher bhala garanti l-konvenut Charles Polidano..

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2145/13 mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12, u bl-imghax bl-oghla rata permessibbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimati fit 18 ta' Marzu 2014 (fol 10).

Rat illi fl-4 ta' Apirl 2014 is-socjeta Riviera Resort Limtied ippresentat nota fir-Registru illi biha ammettiet it-talbiet attrici.

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' April, 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut Charles Polidano (fol 13).

Rat illi fit 22 ta' April 2014, il-konevnut Charles Polidano ippresenta nota fir-Registru illi biha ammetta it-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2014, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta Riviera Resort Limtied u tal-konvenut Charles Polidabot issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disgha mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,948.22) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------